**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**v**

**JOSEPHINE CACHIA**

**Illum 5 ta' Frar 2001,**

**II-Qorti;**

Rat lil imputata **JOSEPHINE CACHIA** ta' wiehed w erbghin sena, mart Salvatore, bint Carmel Camilleri u Carmela nee Farrugia, imwielda l-Imsida fl-ghoxrin t'Awissu 1958 u residenti fl-indirizz 5, Sqaq Sant'Antnin, Hamrun, detentrici ta' karta tal-identita' numru 540158(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli fit-tmienja ta' Gunju 2000 u fil-granet precedenti, fil-Hamrun ikkomettiet serq ta' hwejjeg u oggetti ohra li jiswew aktar minn mitt Lira Maltin (LmI00) izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1,000) ghad-detriment ta' Ahmed Zadem u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna, bil-valur

u bil-lok, bi ksur tal-artikoli 261, 263, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli fl-istess data, hin, Jok u cirkostanzi, xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

II-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta' Gunju 2000 esebit f'dawn l-atti mmarkat dok CSH 2.

Semghet lil imputata tghid li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bil-procedura sommarja u konsegwentament gudikata minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq indikata.

Semghet lil imputata tammetti l-akkuza ta' ricetazzjoni u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputata hatja tal-akkuza ta' ricettazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet partikolarment lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputata kellha parti minima fir-reat ta'

ricetazzjoni stante li rceviet par tennis shoes misruqa u li llum il-gumata ir-res furtiva giet ritornata lil sidha.

Il-Prosekuzzioni qalet ukoll li l-imputata kkoperat bi shih maghha u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.

Rat ukoll li l-imputata ammettiet l-akkuza sa mill-bidu nett tal-proceduri u cioe' fl-istadju tal-prezentata u li ghandha fedina penali nadifa.

II-Qorti qieset dawn ic-cirkostanzi kollha u thoss li fid-dawl taghha tista' taghti piena inqas mill-minimu stabbilit mill-ligi u dan bl-applikazzjoni tal-artiklu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-artikoli 261, 263, 267, 268, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

**Tiddeciedi billi tiddikjara li ma ssibx lil imputata JOSEPHINE CACHIA hatja tal-ewwel akkuza u cioe' dik ta' serq bl-aggravji taghha u ghaldaqstant tilliberaha minn din l-akkuza tilwaqt li tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza ta' ricettazzjoni u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat**

**iehor ghal zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**